MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Numru. 554/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edel Mary Camilleri]**

**vs**

**Christopher Anthony Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Anthony Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 404660(M).

Akkuzat talli fis-27 ta' Mejju 20410, u fix-xhur ta' qabel gewwa Sliema u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer:
Impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kienx/kenitx persuna ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli bhala persuna responsabbli li kien qed isir gewwa fond f'Ta' Sliema u nhawi ohra f'Malta, impjega persuna li ma kentix cittadina ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permezz validu u ufficjali; u

Aktar talli fl-istess cirkostanza bhala principal jew persuna li timpjega persuna ohra, full time, part time, jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impjieg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali tas-sena 1993. (3[a] sa 10).

Rat l-Art. 32(b), Kap. 217, u l-Avviz Legali 110 tal-1993;

Rat id-dokumenti pprezentati mill-prosekuzzjoni;

Rat l-ezami tal-imputat fejn hu rregistra ammissjoni, u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qortu taghtu z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat l-fedina penali tal-imputat hija netta, u l-fatt illi huwa kkopera bis-shih mal-pulizija.

Stante l-ammissjoni bikrija tal-imputat u wara li hu kkopera bis-shih, issib lill-istess hati tal-akkuzi kontrih u tikkundannah ghal multa ta' elf, mija u hamsa u sittin Ewro (€1165) pagabbli fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------